MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 205/2010

**Fl-atti ta' l-Avviz bin-Numru 958/98 fl-ismijiet:**

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Khalaf Ayman**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà GO p.l.c., già maghrufa bl-isem Maltacom p.l.c., fit-2 ta' Gunju 2010, permezz ta' liema tippremetti li: (i) bis-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Khalaf Ayman" Avviz Nru. 958/98 deciza fit-28 ta' Gunju 1999, l-intimat gie kkundannat ihallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' disa' mija tmienja u hamsin Lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm958.56), ekwivalenti ghal elfejn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€2,232.84), in konnessjoni mas-servizz telefoniku nuru 344425; u li (ii) mill-imsemmija somma l-intimat ghamel xi pagamenti u

b'hekk ghadu dovut lis-socjetà rikorrenti elf sebgha u disghin Euro u hdax-il centezmu (€1,097.11) bhala sorte, oltre tlett mija u erba' Euro u sebgha u tmenin centezmu (€304.87) spejjez u drittijiet professjonali skond taxxa annessa mar-Rikors bhala Dok. "A", kif ukoll sitt mija sebgha u tmenin Euro u sitta u sebghin centezmu (€987.76) imghax legali kalkolat bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tas-sentenza sad-19 ta' Mejju 2010, u ghalhekk l-ammont komplessiv dovut hu ta' elfejn u disgha u tmenin Euro u erbgha u sebghin centezu (€2,089.74), salv kull imghax ulterjuri dovut sad-data ta' l-effettiv pagament – peress illi ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li seta' jigi esegwit fil-konfront ta' l-intimat it-titolu ezekuttiv nascenti mill-imsemmija sentenza, is-socjetà rikorrenti titlob li a tenur ta' l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tigi awtorizzata tipprocedi bil-Mandati opportuni fil-konfront ta' l-intimat in esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenz;

Rat li b' Digriet Taghha tat-8 ta' Gunju 2010 li r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-11 ta' Ottubru 2010 fl-10:15a.m., u gie ordnat li l-istess Rikors u Digriet jigu notfikati lill-intimat bi zmien ghoxrin (20) gurnata ghar-Risposta;

Rat illi r-Rikors u d-Digriet imsemmija gew debitament notifikati lill-intimat izda naqas milli jipprezenta Risposta entro t-terminu prefiss u lanqas deher ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors promotur gie debitament ikkonfermat bil-gurament mill-P.L. Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti, li kkonferma wkoll li l-ammont dovut sa' llum ghadu pendenti;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi t-titolu

ezekuttiv tas-socjetà rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat nascenti mis-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Khalaf Ayman" Avviz Nru. 958/98 deciza fit-28 ta' Gunju 1999, seta' jigi esegwit fil-konfront tieghu.

Illi l-P.L. Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti ikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimat u li dan id-dejn ghadu dovut.

Illi l-intimat ma kkontestax ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti billi ma ipprezentax Risposta entro t-terminu lilu prefiss u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimat, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu nascenti mis-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Khalaf Ayman" Avviz Nru. 958/98 deciza fit-28 ta' Gunju 1999; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------